



5.12.2018

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għall-Baġits u Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri  
(COM(2018)0324 – C8-0178/2018 – 2018/0136(COD))

Rapporteur għal opinjoni: (\*): Josep-Maria Terricabras

(\*): Kumitat assoċjat – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA\_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għall-Baġits u lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

### Emenda 1

#### Proposta għal regolament

#### Titolu

*Test propost mill-Kummissjoni*

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni  
f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-  
rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri

*Emenda*

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT  
EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni  
f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-  
rigward tal-istat tad-dritt ***u tad-drittijiet  
fundamentali*** fl-Istati Membri

*(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv  
kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni  
tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test  
kollu.)*

### Emenda 2

#### Proposta għal regolament

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) ***L-istat tad-dritt huwa wieħed mill-  
valuri essenzjali li fuqhom hija mibnija l-  
Unjoni.*** Kif imsemmi fl-Artikolu 2 tat-  
Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dawn il-  
valuri huma komuni għall-Istati Membri  
kollha.

*Emenda*

(1) ***L-Unjoni hija mibnija fuq il-valuri  
tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-  
libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-  
istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-  
bniedem, inkluż id-drittijiet ta' persuni li  
jappartjenu għall-minoranzi.*** Kif  
imsemmi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-  
Unjoni Ewropea (***TUE***), dawn il-valuri  
huma komuni għall-Istati Membri kollha  
***f'soċjetà li fiha jipprevalu l-pluraliżmu,  
in-nondiskriminazzjoni, it-tolleranza, il-  
ġustizzja, is-solidarjetà u l-ugwaljanza***

### Emenda 3

#### Proposta għal regolament Premessa 1a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(1a) Id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali huma f'relazżjoni trijangolari, isaħħu lil xulxin u flimkien jissalvagwardjaw il-qalba kostituzzjonali tal-Unjoni u tal-Istati Membri. Ma jista' jkun hemm l-ebda ġerarkija bejn il-valuri fi ħdan l-Unjoni. L-interdipendenza bejn demokrazija li tiffunzjona, istituzzjonijiet b'saħħithom u responsabbli, teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti u inklużiv u stat tad-dritt effettiv hija essenzjali għal rispettt effettiv għad-drittijiet tal-bniedem u viċe versa. L-Artikoli 2 u 6 tat-TUE jirrikjedju li l-Istati Membri jirrispettaw bis-sħiħ, jipproteġu u jippromwovu l-prinċipji tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u d-demokrazija.*

### Emenda 4

#### Proposta għal regolament Premessa 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(2) L-istat tad-dritt **jitolb** li s-setgħat pubbliċi kollha jaġixxu fil-limiti stabbiliti mil-liġi, skont **il-valuri** tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali, u taħt il-kontroll ta' qradi indipendenti u imparzjali. Dan jirrikjedju, b'mod partikolari, li jkunu rispettati l-prinċipji tal-legalità<sup>7</sup>, taċ-ċertezza legali<sup>8</sup>, tal-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi<sup>9</sup>, tas-separazzjoni tas-setgħat<sup>10</sup>, u tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva **minn** qradi indipendenti<sup>11, 12</sup>.

(2) L-istat tad-dritt **jirrikjedju** li s-setgħat pubbliċi kollha jaġixxu fil-limiti stabbiliti mil-liġi, skont **il-prinċipji** tad-demokrazija u **r-rispett** tad-drittijiet fundamentali, u taħt il-kontroll ta' qradi indipendenti u imparzjali. Dan jirrikjedju, b'mod partikolari, li jkunu rispettati l-prinċipji tal-legalità<sup>7</sup>, **inkluż proċess trasparenti, responsabbli u demokratiku tal-promulgazzjoni tal-leġiżlazzjoni**, taċ-ċertezza legali<sup>8</sup>, tal-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi<sup>9</sup>, tas-

separazzjoni tas-setgħat<sup>10</sup>, u tal-protezzjoni ġudizzjarja effettiva *quddiem* qrati indipendenti *u imparzjali*<sup>11 12</sup>.

---

<sup>7</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, CAS Succhi di Frutta, C-496/99 PECLI:UE:C:2004:236, punt 63.

<sup>8</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-12 ta' Novembru 1981, Amministrazione delle finanze dello Stato vs Srl Meridionale Industria Salumi u oħrajn Ditta Italo Orlandi & Figlio u Ditta Vincenzo Divella vs Amministrazione delle finanze dello Stato. Il-Kawżi Magħquda minn 212 sa 217/80, ECLI:UE:C:1981:270, il-paragrafu 10.

<sup>9</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst, il-Kawżi Magħquda 46/87 u 227/88, ECLI:UE:C:1989:337, punt 19.

<sup>10</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas, C-477/16, ECLI:UE:C:2016:861, punt 36; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Novembru 2016, PPU Poltorak, C-452/16, ECLI:UE:C:2016:858, paragrafu 35; u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB, C-279/09, ECLI:UE:C:2010:811, paragrafu 58.

<sup>11</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses vs Tribunal de Contas C-64/16, ECLI:UE:C:2018:117, punti 31, 40-41.

<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt", COM(2014) 158 final, Anness I.

---

<sup>7</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2004, CAS Succhi di Frutta, C-496/99 PECLI:UE:C:2004:236, punt 63.

<sup>8</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-12 ta' Novembru 1981, Amministrazione delle finanze dello Stato vs Srl Meridionale Industria Salumi u oħrajn Ditta Italo Orlandi & Figlio u Ditta Vincenzo Divella vs Amministrazione delle finanze dello Stato. Il-Kawżi Magħquda minn 212 sa 217/80, ECLI:UE:C:1981:270, il-paragrafu 10.

<sup>9</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1989, Hoechst, il-Kawżi Magħquda 46/87 u 227/88, ECLI:UE:C:1989:337, punt 19.

<sup>10</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Novembru 2016, Kovalkovas, C-477/16, ECLI:UE:C:2016:861, punt 36; Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' Novembru 2016, PPU Poltorak, C-452/16, ECLI:UE:C:2016:858, paragrafu 35; u s-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Diċembru 2010, DEB, C-279/09, ECLI:UE:C:2010:811, paragrafu 58.

<sup>11</sup> Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Frar 2018, Associação Sindical dos Juízes Portugueses vs Tribunal de Contas C-64/16, ECLI:UE:C:2018:117, punti 31, 40-41.

<sup>12</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Qafas ġdid tal-UE biex jissaħħaħ l-Istat tad-Dritt", COM(2014) 158 final, Anness I.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Premessa 2a (ġdida)

**(2a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefendu u jikkultivaw il-valur tal-istat tad-dritt u jagħtu eżempju billi jimxu lejn kultura kondiviża tal-istat tad-dritt, li hija kundizzjoni essenzjali għal-leġittimità tal-proġett Ewropew kollu kemm hu u l-kundizzjoni bażika biex tinbena l-fiduċja taċ-ċittadini fl-Unjoni. Id-deterjorament tal-istat tad-dritt fi Stat Membru wieħed jaffettwa b'mod negattiv l-istat tad-dritt fl-Unjoni kollha kemm hi.**

## **Emenda 6**

### **Proposta għal regolament Premessa 2b (ġdida)**

**(2b) Id-drittijiet fundamentali fl-Unjoni huma stipulati, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li skont l-Artikolu 6 tat-TUE għandha l-istess valur ġuridiku bħat-Trattati u, konsegwentement, għandha tiġi osservata fil-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni, inkluż f'dan ir-Regolament. L-obbligu tar-rispett, il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet fundamentali huwa stabbilit ukoll f'għadd ta' trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, fosthom il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Karta Soċjali Ewropea, il-Protokoll Addizzjonali tagħha u l-verżjoni riveduta tagħha.**

## **Emenda 7**

### **Proposta għal regolament Premessa 3**

(3) *L-istat tad-dritt huwa prerekwiżit għall-protezzjoni tal-valuri fundamentali l-oħra li fuqhom hija msejsa l-Unjoni, bħalma huma l-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem. Ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa marbut intrinsikament mar-rispett tad-demokrazija u tad-drittijiet fundamentali: ma jistax ikun hemm demokrazija u rispett għad-drittijiet fundamentali mingħajr rispett lejn l-istat tad-dritt u vice versa.*

*imħassar*

## Emenda 8

### Proposta għal regolament Premessa 4

(4) Kull meta l-Istati Membri jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni, u jkun xi jkun il-metodu ta' implimentazzjoni li jużaw, ir-rispett tal-istat tad-dritt huwa prekondizzjoni essenzjali biex jikkonformaw mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda *stabbilit* fl-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(4) Kull meta l-Istati Membri jimplimentaw il-baġit tal-Unjoni, u jkun xi jkun il-metodu ta' implimentazzjoni li jużaw, ir-rispett tal-istat tad-dritt *u tad-drittijiet fundamentali* huwa prekondizzjoni essenzjali biex jikkonformaw mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda *stabbiliti* fl-Artikolu 317 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

## Emenda 9

### Proposta għal regolament Premessa 6

(6) *Il-korpi ġudizzjarji jenħtieġ li jaġixxu b'mod indipendenti u imparzjali u s-servizzi ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu l-funzjoni tagħhom b'mod xieraq. Dawn jenħtieġ li jkollhom biżżejjed riżorsi*

(6) *Il-indipendenza u l-imparzjalità tal-ġudikatura jenħtieġ li jiġu dejjem garantiti* u s-servizzi ta' investigazzjoni u ta' prosekuzzjoni jenħtieġ li jkunu jistgħu jwettqu l-funzjoni tagħhom b'mod xieraq. Dawn jenħtieġ li jkollhom biżżejjed riżorsi

u proċeduri biex jaġixxu b'mod effettiv u b'rispett sħiġ għad-dritt ta' proċess ġust. Dawn il-kundizzjonijiet huma **meħtieġa** bħala garanzija minima kontra deċiżjonijiet illegali u arbitrarji mill-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu **jkunu ta' ħsara għall-interessi finanzjarji tal-Unjoni**.

## Emenda 10

### Proposta għal regolament Premessa 8

*Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Ir-rispett għall-istat tad-dritt **huw iex importanti biss għaċ-ċittadini** tal-Unjoni, **iżda** wkoll għall-inizjattivi **imprenditorjali**, għall-innovazzjoni, għall-investment u **għall-funzjonament** tajjeb **tas-suq** intern, li **jiffjorixxu l-aktar meta jkun hemm fis-seħħ qafas ġuridiku u istituzzjonali sod**.

## Emenda 11

### Proposta għal regolament Premessa 9

*Test propost mill-Kummissjoni*

(9) L-Artikolu 19 **TUE**, li jagħti

u proċeduri biex jaġixxu b'mod effettiv u b'rispett sħiġ għad-dritt ta' proċess ġust. Dawn il-kundizzjonijiet huma **rekwiżit** bħala garanzija minima kontra deċiżjonijiet illegali u arbitrarji mill-awtoritajiet pubbliċi li jistgħu **jxekklu dawn il-prinċipji fundamentali**.

*Emenda*

(8) Ir-rispett għall-istat tad-dritt **u għad-drittijiet fundamentali huwa essenzjali biex jippermetti liċ-ċittadini jipparteċipaw bis-sħiġ fil-ħajja demokratika** tal-Unjoni. **Huwa importanti** wkoll **għall-intraprenditorija**, għall-inizjattivi **tan-negozju**, għall-innovazzjoni u għall-investment u **għall-promozzjoni ta' suq intern ibbażat fuq id-drittijiet u l-funzjonament** tajjeb. **Is-suq intern jeħtieġ qafas ġuridiku u istituzzjonali stabbli biex jiżgura l-fiduċja fost l-atturi kollha, biex jintlaħaq il-potenzjal sħiġ tiegħu u jinkiseb tkabbir sostenibbli fit-tul.** **F'sitwazzjonijiet li fihom Stat Membru ma jibqax jiggarrantixxi r-rispett għall-istat tad-dritt jew għad-drittijiet fundamentali, l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom id-dmir li jipproteġu l-integrità u l-applikazzjoni tat-Trattati u li jipproteġu d-drittijiet ta' kull persuna fi ħdan il-ġurisdizzjoni tagħhom.**

*Emenda*

(9) L-Artikolu 19 **tat-TUE**, li jagħti



espressjoni konkreta għall-valur tal-istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 **TUE**, **jimponi fuq** l-Istati Membri **li** jagħtu protezzjoni għudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. L-eżistenza stess ta' sħarriġ għudizzjarju effettiv maħsub sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni hija essenzjali għall-eżistenza tal-istat tad-dritt u tirrikjedi qrati indipendenti<sup>13</sup>. **Huwa essenzjali li tinżamm l-indipendenza** tal-qrati, kif ikkonfermat **mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 47** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>14</sup>. Dan **huwa minnu**, b'mod partikolari, għall-istħarriġ għudizzjarju **tal-validità ta' miżuri**, kuntratti jew strumenti oħra li **jagħtu lok għal nefqa** jew dejn pubbliku, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku li **jistgħu jinġiebu quddiem** il-qrati.

<sup>13</sup> Kawża C-64/16, para 32-36.

<sup>14</sup> Kawża C-64/16, para 40-41.

## Emenda 12

### Proposta għal regolament

#### Premessa 10

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) B'hekk hemm relazzjoni ċara bejn ir-rispett tal-istat tad-dritt u l-implimentazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda.

espressjoni konkreta għall-valur tal-istat tad-dritt stabbilit fl-Artikolu 2 **tat-TUE**, **jirrikjedi li** l-Istati Membri jagħtu protezzjoni għudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni, inklużi dawk relatati mal-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni. **L-effikaċja tas-sistemi għudizzjarji hija aspett ewlieni tal-istat tad-dritt u hija essenzjali sabiex jiġi żgurat trattament ugwali, jiġu sanzjonati abbużi min-naħa tal-gvern u tiġi evitata l-arbitrarjetà.** L-eżistenza stess ta' sħarriġ għudizzjarju effettiv maħsub sabiex tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni hija essenzjali għall-eżistenza tal-istat tad-dritt u tirrikjedi qrati indipendenti<sup>13</sup>. **L-iżgurar tad-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess ġust u ż-żamma tal-indipendenza** tal-qrati **hija essenzjali**, kif ikkonfermat **mill-Artikolu 47** tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea<sup>14</sup>. Dan **japplika**, b'mod partikolari, għall-istħarriġ għudizzjarju **tal-legalità tal-miżuri**, kuntratti jew strumenti oħra li **jissarf f'nefqa** jew dejn pubbliku, fost l-oħrajn fil-kuntest tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku li **fir-rigward tagħhom** il-qrati **jistgħu jiġu invokati**.

<sup>13</sup> Kawża C-64/16, para 32-36.

<sup>14</sup> Kawża C-64/16, para 40-41.

##### *Emenda*

(10) B'hekk hemm relazzjoni ċara bejn ir-rispett tal-istat tad-dritt u **tad-drittijiet fundamentali u** l-implimentazzjoni effiċjenti tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja soda.

## Emenda 13

### Proposta għal regolament

#### Premessa 11

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(11) In-nuqqasijiet ġeneralizzati fl-Istati Membri fir-rigward tal-istat tad-dritt li jaffettwaw ***b'mod partikolari l-funzjonament tajjeb tal-awtoritajiet pubbliċi u tal-istħarriġ ġudizzjarju effettiv, jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni.***

##### *Emenda*

(11) In-nuqqasijiet ġeneralizzati fl-Istati Membri fir-rigward tal-istat tad-dritt ***u tad-drittijiet fundamentali*** jistgħu jagħmlu ħsara serja lill-interessi finanzjarji tal-Unjoni, ***b'mod partikolari fir-rigward tal-irregolaritajiet relatati mal-infiq tal-baġit tal-Unjoni u d-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini, irrISPettivament minn fejn jgħixu.***

## Emenda 14

### Proposta għal regolament

#### Premessa 12

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(12) L-identifikazzjoni ta' nuqqas ġeneralizzat ***teħtieġ*** valutazzjoni kwalitattiva mill-Kummissjoni. ***Din il-valutazzjoni tista'*** tkun ibbażata fuq ***informazzjoni minn sorsi*** disponibbli u ***istituzzjonijiet*** rikonoxxuti, inklużi ***deċiżjonijiet*** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, u konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' ***organizzazzjonijiet*** u ***netwerks internazzjonali rilevanti, bħalma huma l-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa u n-netwerks Ewropej tal-qrati supremi u l-kunsilli tal-ġudikatura.***

##### *Emenda*

(12) L-identifikazzjoni ta' nuqqas ġeneralizzat ***tirrikjedi*** valutazzjoni kwalitattiva, ***oġġettiva, trasparenti, mhux politiċizzata u imparzjali, ibbażata fuq evidenza speċifika***, mill-Kummissjoni, ***assistita mill-bord rappreżentattiv ta' esperti indipendenti. Il-valutazzjoni annwali tal-Istati Membri kollha jenħtieġ li*** tkun ibbażata fuq ***l-informazzjoni mis-sorsi*** disponibbli ***kollha*** u ***mill-istituzzjonijiet*** rikonoxxuti ***kollha***, inklużi ***sentenzi*** tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ***u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***, rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, ***rapporti*** u ***opinjonijiet ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni, bħall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, il-Kumitat tar-Reġjuni, l-Ombudsman u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali***, konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' ***organizzazzjonijiet*** u ***netwerks internazzjonali rilevanti, bħalma huma l-***

korpi tal-Kunsill tal-Ewropa u n-netwerks Ewropej tal-qradi supremi u l-kunsilli tal-ġudikatura, *kif ukoll ir-rapportar minn organizzazzjonijiet mhux governattivi u tas-soċjetà ċivili. Jenħtieġ li din il-valutazzjoni tissostitwixxi l-istrumenti u l-mekkaniżmi eżistenti bħall-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija.*

## Emenda 15

### Proposta għal regolament Artikolu 1 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Din* ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli meħtieġa għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri

*Emenda*

*Dan* ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli meħtieġa għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt *u tad-drittijiet fundamentali* fl-Istati Membri.

## Emenda 16

### Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt a

*Test propost mill-Kummissjoni*

(a) "l-istat tad-dritt" *jirreferi għall-valur tal-Unjoni* minqusa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jinkludi l-prinċipji tal-legalità, li *timplika* proċess trasparenti, *akkontabbli*, demokratiku u pluralista għall-promulgazzjoni tal-liġijiet; iċ-ċertezza tad-dritt; il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi; *protezzjoni* ġudizzjarja effettiva *minn* qradi indipendenti, *inkluż tad-drittijiet fundamentali*; is-separazzjoni tas-setgħat u l-ugwaljanza quddiem il-liġi;

*Emenda*

(a) "l-istat tad-dritt *u d-drittijiet fundamentali*" *kif* minqusa fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, li jinkludi l-prinċipji tal-legalità, li *jimplika* proċess trasparenti, *responsabbli*, demokratiku u pluralista għall-promulgazzjoni tal-liġijiet; iċ-ċertezza tad-dritt; il-projbizzjoni tal-arbitrarjetà tas-setgħat eżekuttivi; *l-aċċess għall-ġustizzja u l-protezzjoni* ġudizzjarja effettiva *quddiem* qradi indipendenti *u imparzjali*; is-separazzjoni tas-setgħat; *in-nondiskriminazzjoni* u l-ugwaljanza quddiem il-liġi; *ir-rispett għad-drittijiet fundamentali kif stipulati fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni*

## **Emenda 17**

### **Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt b**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(b) *"nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt" tfisser prassi mifruxa jew rikorrenti jew ommissjoni, jew miżura minn awtoritajiet pubbliċi li jkollha effett fuq l-istat tad-dritt;*

*Emenda*

(b) *"nuqqas ġeneralizzat" tfisser kwalunkwe sitwazzjoni li fiha theddida sistemika għall-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali tista' tiġi stabbilita, jew li fiha l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali jiġu mminati direttament jew indirettament b'mod sistemiku, jew permezz tal-impatt ikkombinat ta' prattiki, ommissjonijiet, miżuri jew inazzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi jew permezz ta' prattiki, ommissjonijiet, miżuri jew inazzjonijiet mifruxa jew rikorrenti mill-awtoritajiet pubbliċi, u meta din is-sitwazzjoni taffettwa jew turriskja li taffettwa l-implimentazzjoni xierqa tal-baġit tal-Unjoni, b'mod partikolari l-attivitajiet ta' ġestjoni u ta' kontroll, f'konformità mal-prinċipji ta' ġestjoni finanzjarja tajba u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni;*

## **Emenda 18**

### **Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu -1 (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*-1. Għandhom jittieħdu miżuri xierqa, bilanċjati u proporzjonati meta l-Kummissjoni ssib li għandha raġunijiet raġonevoli biex temmen li l-kundizzjonijiet ta' nuqqas ġeneralizzat fi Stat Membru huma ssodisfati.*

*Emenda*

## Emenda 19

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

1. **Miżuri xierqa** għandhom jittieħdu meta nuqqas ġeneralizzat **fir-rigward tal-istat tad-dritt** fi Stat Membru jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa **l-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja soda jew il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni**, b'mod partikolari:

##### *Emenda*

1. **Il-miżuri** għandhom jittieħdu meta nuqqas ġeneralizzat fi Stat Membru jaffettwa jew jirriskja li jaffettwa, b'mod partikolari

## Emenda 20

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

##### *Emenda*

**(fa) l-implimentazzjoni xierqa tal-baġit tal-Unjoni wara ksur sistemiku tad-drittijiet fundamentali.**

## Emenda 21

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 2 – parti introduttorja

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

2. Dawn li ġejjin **jistgħu**, b'mod partikolari, jitqiesu bħala nuqqasijiet ġeneralizzati **fir-rigward l-istat tad-dritt**,

##### *Emenda*

2. Dawn li ġejjin **għandhom**, b'mod partikolari, jitqiesu bħala nuqqasijiet ġeneralizzati:

## Emenda 22

### Proposta għal regolament

#### Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) it-tqiegħed friskju tal-indipendenza

##### *Emenda*

(a) it-tqiegħed friskju tal-indipendenza

tal-ġudikatura;

tal-ġudikatura, *inkluż l-iffissar ta' kwalunkwe limitazzjoni fuq il-kapaċità tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji b'mod awtonomu billi jsiru interventi esterni f'garanziji ta' indipendenza, billi jiġi limitat il-ġudizzju b'ordni esterna, billi jiġu riveduti b'mod arbitrarju r-regoli dwar il-ħatra jew it-termini tas-servizz ta' persunal ġudizzjarju, jew billi jiġi influwenzat il-persunal ġudizzjarju bi kwalunkwe mod li jipperikola l-imparzjalità tiegħu;*

## Emenda 23

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2a (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**2a.** *Fl-identifikazzjoni ta' nuqqas ġeneralizzat, il-Kummissjoni hija assistita minn bord rappreżentattiv ta' esperti indipendenti (il-Bord ta' Esperti dwar l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali), li jivvaluta s-sitwazzjoni fl-Istati Membri kollha kull sena abbażi ta' kriterji u informazzjoni kwantitattivi u kwalitattivi, inklużi deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, rapporti tal-Qorti tal-Awdituri, rapporti u opinjonijiet ta' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji jew aġenziji oħra tal-Unjoni, u konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet ta' organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti. Il-valutazzjoni għanda ssir pubblika.*

## Emenda 24

### Proposta għal regolament Artikolu 3 – paragrafu 2b (ġdid)

**2b.** *Id-dibattitu ta' segwitu annwali dwar il-valutazzjoni mill-Bord ta' Esperti dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali għandu jitwettaq mill-Parlament Ewropew flimkien mal-parlamenti nazzjonali. Għal dan il-għan, għandu jiġi kostitwit Grupp Parlamentari Konġunt speċjalizzat stabbilit mill-parlamenti nazzjonali u mill-kumitat kompetenti tal-Parlament Ewropew. L-organizzazzjoni u r-regoli ta' proċedura tal-Grupp Parlamentari Konġunt għandhom jiġu determinati b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-parlamenti nazzjonali skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.*

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 3a (ġdid)**

**Artikolu 3a**

***Il-Bord ta' Esperti dwar id-Demokrazija,  
l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet  
Fundamentali***

***1. Il-Bord ta' Esperti dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali għandu jkun iffurmat mill-membri li ġejjin:***

***(a) espert indipendenti wieħed maħtur mill-parlament ta' kull Stat Membru, li għandu jkun imħallef ikkwalifikat ta' qorti kostituzzjonali jew ta' qorti suprema, li attwalment mhuwiex f'servizz attiv;***

***(b) għaxar esperti oħra maħtura mill-Parlament Ewropew, b'maġġoranza ta' żewġ terzi, magħżula minn lista ta' esperti***

*nominati minn:*

*(i) il-Federazzjoni Ewropea tal-Akkademji għax-Xjenzi u l-Istudji Umanistiċi (ALLEA);*

*(ii) in-Netwerk Ewropew tal-Istituzzjonijiet Nazzjonali tad-Drittijiet tal-Bniedem (ENNHRI);*

*(iii) il-Kunsill tal-Ewropa (inklużi l-Kummissjoni ta' Venezja, il-Grupp ta' Stati Kontra l-Korruzzjoni (GRECO) u l-Kummissarju tal-Kunsill tal-Ewropa għad-Drittijiet tal-Bniedem);*

*(iv) Il-Kummissjoni Ewropea għall-Effikaċja tal-Ġustizzja (CEPEJ) u l-Kunsill tal-Għaqdiet Ewropej tal-Avukati (CCBE); kif ukoll*

*(v) in-Nazzjonijiet Uniti (NU), l-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) u l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD).*

*2. Il-kompożizzjoni tal-Bord ta' Esperti dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali għandha tiżgura l-bilanċ bejn is-sessi.*

*3. Il-Bord ta' Esperti dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali għandu jeleġġi l-president tiegħu minn fost il-membri tiegħu.*

*4. Sabiex tiġi faċilitata l-ħidma tal-Bord ta' Esperti dwar id-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali, il-Kummissjoni għandha ttipprovdi segretarjat lill-Bord ta' Esperti, li jippermettilu jiffunzjona b'mod effiċjenti, b'mod partikolari billi jiġbor id-data u s-sorsi ta' informazzjoni li għandhom jiġu riveduti u valutati, u billi jipprovdu appoġġ amministrattiv.*



## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

<b>Titolu</b>	Il-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'każ ta' nuqqasijiet ġeneralizzati fir-rigward tal-istat tad-dritt fl-Istati Membri		
<b>Referenzi</b>	COM(2018)0324 – C8-0178/2018 – 2018/0136(COD)		
<b>Kumitati responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	BUDG 11.6.2018	CONT 11.6.2018	
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 11.6.2018		
<b>Kumitati assoċjati - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	5.7.2018		
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Josep-Maria Terricabras 9.7.2018		
<b>Artikolu 55 – Proċedura b'kumitati konġunti</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	5.7.2018		
<b>Eżami fil-kumitat</b>	8.11.2018	19.11.2018	3.12.2018
<b>Data tal-adozzjoni</b>	3.12.2018		
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: –: 0:	33 10 3	
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Heinz K. Becker, Monika Beňová, Malin Björk, Michał Boni, Caterina Chinnici, Cornelia Ernst, Raymond Finch, Romeo Franz, Kinga Gál, Sylvie Guillaume, Monika Hohlmeier, Filiz Hyusmenova, Sophia in 't Veld, Dietmar Köster, Barbara Kudrycka, Cécile Kshetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Roberta Metsola, Claude Moraes, József Nagy, Ivári Padar, Judith Sargentini, Birgit Sippel, Branislav Škripek, Sergei Stanishev, Helga Stevens, Traian Ungureanu, Marie-Christine Vergiat, Udo Voigt, Josef Weidenholzer, Kristina Winberg, Auke Zijlstra		
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Carlos Coelho, Pál Csáky, Gérard Deprez, Anna Hedh, Lívia Járóka, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Jeroen Lenaers, Emilian Pavel, Morten Helveg Petersen, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Barbara Spinelli, Josep-Maria Terricabras		
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Max Andersson, France Jamet		

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB  
JAGĦTI OPINJONI**

<b>33</b>	<b>+</b>
ALDE	Gérard Deprez, Filiz Hyusmenova, Sophia in 't Veld, Morten Helveg Petersen
ECR	Helga Stevens
GUE/NGL	Malin Björk, Cornelia Ernst, Barbara Spinelli, Marie-Christine Vergiat
PPE	Heinz K. Becker, Michał Boni, Carlos Coelho, Monika Hohlmeier, Barbara Kudrycka, Jeroen Lenaers, Roberta Metsola
S&D	Monika Beňová, Caterina Chinnici, Sylvie Guillaume, Anna Hedh, Sylvia-Yvonne Kaufmann, Dietmar Köster, Cécile Kashetu Kyenge, Juan Fernando López Aguilar, Claude Moraes, Ivare Padar, Christine Revault d'Allonnes Bonnefoy, Birgit Sippel, Josef Weidenholzer
VERTS/ALE	Max Andersson, Romeo Franz, Judith Sargentini, Josep-Maria Terricabras

<b>10</b>	<b>-</b>
ECR	Branislav Škripek, Kristina Winberg
EFDD	Raymond Finch
ENF	France Jamet, Auke Zijlstra
NI	Udo Voigt
PPE	Pál Csáky, Kinga Gál, Livia Járóka, Traian Ungureanu

<b>3</b>	<b>0</b>
PPE	József Nagy
S&D	Emilian Pavel, Sergei Stanishev

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni